# IT-TRUMBUN

Din is-sena wkoll ser inkompli s-sensiela li bdejt is-sena l-oħra dwar xi strumenti li jintużaw fil-banda. Din is-sena ser nagħtikom xi tagħrif dwar it-trumbun. Għażilt illi nikteb dwar it-trumbun sabiex inkompli s-sensiela dwar l-istrumenti tal-Brass Family — is-sena l-oħra kont ktibt dwar il-baxx.

It-Trumbun hu magħmul f'erba' qisien — Tenur, Tenur Baxx, Baxx u Baxx Doppju. Dan ta' l-aħħar rari jiġi wżat. Il-forma jew għamla ta' dan l-istrument tikkonsisti f'tubu twil mgħawweġ forma ta' *oblong* b'żewġ naħat l-istess, naħa minnhom bokkin forma ta' bieqja u naħa oħra forma ta' qanpiena.

Ġeneralment, il-Maltin l-ewwel jitgħallmu fuq trumbun tal-valvi jew ċilindri u wara jaqilbu għat-Trumbun Slide. Il-kompożituri Maltin ftit li xejn jagħtu mportanza lil dan l-istrument speċjalment fil-marċi iżda kompożituri barranin għalihom it-trumbun huwa mportanti daqs il-kurunetta speċjalment fil-Jazz Bands.

Il-ħoss tat-trumbun tal-valvi hu ħafna aktar fqir minn dak li jipproduċi t-Trumbun Slide. It-ton hu kontrollat permezz ta' tliet valvi bħat-trumbun u t-tubu ma jisslajdjax. It-Trumbun Slide naħseb li hu l-iktar strument delikat; trid toqgħod attent ħafna li ma tolqotx it-tubu fejn jisslajdja għax jekk tagħawweġ dan it-tubu, is-Slide ma jaħdimx sewwa. It-Trumbun Slide jipproduċi n-noti permezz tal-pożizzjonijiet tas-Slide. B'kollox hemm seba' pożizzjonijiet.

It-trumbun żviluppa fis-seklu 15 meta s-Slide ġiet miżjuda ma' tromba kbira. Hu kien l-ewwel strument orkestrali li deher f'forma moderna. Fi-baned dan l-istrument inisbuh f'partijiet diversi Trumun Prim, Trumbun Sekond u Trumbun Terz. Hemm anke it-Trumbun Baxx. Wieħed li jdoqq trumbun tajjeb, huwa kapaċi anke jdoqq parti ta' Euphonium.

It-trumbun jintuża fl-orkestri, fil-knejjes, fil-baned militari u fil-baned Maltin. fil-baned militari ħaġa ta' l-iskantament insibuh quddiem il-klarinetti u bil-baned Maltin insibuh l-aħħar ringiela wara l-Euphoniums. Il-baned kollha jarmaw il-banda minn tnejn sa erba' trumbuni.

Naħseb li għal-lum biżżejjed; u nispera li l-informazzjoi li tajtkom kienet ta' nteress.

**Alfred Calleja**